# L-AQWA DIFENSUR TA' L-IMMAKULATA

## "ĠWANNI DUNS SCOTUS"

### *iddikjarat uffiċjalment BEATU*

### *mill-Papa Ġwanni Pawlu II nhar l-20 ta' Marzu 1993*

**Kitba tar-Rev. Kan. Jos. Bonello**

Il-jum ta' l-20 ta' Marzu 1993 huwa ġurnata storika għall-Franġiskani kollha u għalina devoti ta' l-Immakulata, għaliex sa fl-aħħar, wara ħafna snin, il-Knisja għarfet uffiċjalment u kanonikament il-qdusija ta' dan id-Duttur kbir u għaref, glorja ta' l-Ordni Franġiskan u difensur qalbieni tad-Domma ta' l-Immakulata.

Kull devot ta' Marija, żgur li sema' ħafna fuq dan il-kbir Duttur. Kull sena fil-priedka tan-novena tal-Kunċizzjoni jissemma ħafna u ta' spiss dan il-Beatu. Scotus qiegħed fil-ġenna jgawdi lil Marija Reġina tas-Sema u l-Art, issa wkoll ikkonfermat bis-siġill ta' Ommna il-Knisja, biex dan il-Franġiskan ikun magħdud mal-qaddisin. Kellu jkun fi żmienna li l-Papa jaqta' x-xewqa tad-devoti ta' Marija.

**Min kien?**

*"Scotia me genuit, Anglia me suscepit, Gallia me decuit, Cologna me tenet"*, bil-Malti "Twelidt fl-Iskozja, trabbejt fl-Ingilterra, tgħallimt fi Franza u midfun f'Koln". Hekk hemm miktub fuq il-qabar ta' Scotus f'Koln fil-Ġermanja. Dan il-Franġiskan kien tassew ta' fama internazzjonali għaliex għalkemm twieled fl-Iskozja, ġera l-Ewropa kollha u għallem fl-aqwa Universitajiet ta' Oxford, Pariġi u oħrajn u spiċċa f'Koln fil-Ġermanja meta miet ħesrem fl-età ta' 43 sena fl-1308. Ġie midfun f'Minoritenkirche f'Koln stess. Fl-1946 il-fdalijiet tiegħu ġew trasferiti għall-Katidral ta' l-istess belt. Il-Papa Ġwanni Pawlu II żar il-qabar ta' Scotus fil-15 ta' Novembru, 1980 waqt żjara pastorali fil-Ġermanja.

**Oppożizzjoni mhix mistennija**

Għalkemm Scotus miet fl-1308, minħabba diversi kalunji li xterdu, il-Knisja qatt ma għarfet uffiċjalment il-qdusija tiegħu. Il-Franġiskani stinkaw, ħadmu u studjaw biex titwettaq ix-xewqa ħerqana ta' l-Ordni li l-Għerf u l-Qdusija ta' Duns Scotus, kap ta' l-Iskola Filosofika Franġiskana jiġi rikonoxxut uffiċjalment mill-Knisja. Iżda l-oppożizzjoni kienet kbira, ħafna għamlu l-bsaten fir-roti biex dan ma jsirx. Smajt u qrajt f'diversi stejjer dwar dan, huwa żgur li l-mewt tiegħu ħabta u sabta ħolqot xi diffikultajiet. Kemm-il darba l-Franġiskani ppruvaw imexxu 'l quddiem il-Beatifikazzjoni kanonika ta' Duns Scotus, iżda għal xi raġunijiet mhux magħrufa, dejjem waqaf kollox. Scotus kien magħruf uffiċjalment "Beatu" f'xi djoċesijiet bħal Koln fil-Ġermanja, Nola fl-Italja u oħrajn, iżda qatt kanonikament mill-Knisja Universali. Fl-aħħar, fi żmien il-Papa Benedittu XV bdiet il-kawża tad-dottorat ta' Scotus quddiem il-Kummissjoni tal-Kult, iżda waqfet ħesrem għaliex waqt id-diskussjoni tas-soltu qam il-Kardinal ANDREA FRUKWIRT, Dumnikan, u qal li d-diskusssjoni ma għandhiex titkompla għax l-istudjużi Skotisti ma kinux żguri dwar dak li qal jew ma qalx Scotus.



Kellu jkun il-famuż Franġiskan mill-Kroazja (ex-Jugoslavja), PADRE CARLO BALIC li ntefa' għax-xogħol b'ruħu u b'ġismu biex jiddefendi lil Scotus. Waqqaf "SOĊJETÀ INTERNAZZJONALI SKOTISTA" beda jorganizza Kungressi Skotistiċi

• *ikompli f'paġna 7*

• *ikompli minn paġna 5*

# Scotus u l-Immakulata

u hekk wasal biex formalment l-Ordni Franġiskan jitlob lill-Papa Ġwanni Pawlu II biex jiddikjara uffiċjalment BEATU lil Duns Scotus.

Il-ħidma ta' Padre Balic waslet biex tat il-frott tagħha u wara mijiet ta' snin, kellu jkun fi żmienna li l-Papa preżenti jipproklama lil John Duns Scotus bħala Beatu li jistħoqqlu l-Kult universali tal-Knisja kollha. U hekk, fl-20 ta' Marzu 1993, seħħet ix-xewqa tal-Franġiskani u tagħna d-devoti ta' l-Immakulata.

John Duns Scotus jibqa' magħruf għall-kontribut tiegħu favur il-privileġġ singulari mogħti lil Marija li tkun ippreservata mid-dnub oriġinali. Skond Scotus il-Madonna hija Immakulata għax ġiet ippreservata mid-dnub billi l-Feddej applika MINN QABEL il-merti tal-Passjoni u l-Mewt Tiegħu lil Ommu Marija u hekk il-Madonna ġiet IPPRESERVATA mill-ewwel ħtija qabel it-tnissil tagħha. Aħna waqajna fid-dnub u niġu mifdija fil-Magħmudija, waqt li l-Madonna, Alla ppreservaha minn qabel it-tnissil tagħha biex ma taqax fid-dnub.

**"MARIJA SA MILL-EWWEL WAQT TAT-TNISSIL TAGĦHA, BI PRIVILEĠĠ UNIKU TA' ALLA, U GĦALL-MERTI TA' ĠESÙ FEDDEJ, ĠIET IPPRESERVATA MINN KULL TEBGĦA TAD-DNUB TAN-NISEL". – Piju IX**

Dan it-tagħlim Marjan ta' Scotus dwar il-privileġġ ta' l-Immakulata, aktar tard wera kontroversja twila u ħarxa, sar DOMMA TA' FIDI bil-proklamazzjoni tal-Papa Piju IX fit-8 ta' Diċembru, 1854 meta ddikjara li Marija hija mnissla mingħajr l-ebda tebgħa ta' dnub.

Bis-saħħa ta' John Duns Scotus il-Knisja mhux biss waslet għad-definizzjoni tad-Domma ta' l-Immakulata, imma li saħansitra l-kliem li juża l-Papa fil-Bolla *INEFFABILIS DEUS*, huma rifless ċar tad-Duttrina Marjoloġika ta' Scotus. Il-Papa juża l-istess espressjonijiet li juża Scotus. Infatti l-Papa qal **"MARIJA SA MILL-EWWEL WAQT TAT-TNISSIL TAGĦHA, BI PRIVILEĠĠ UNIKU TA' ALLA, U GĦALL-MERTI TA' ĠESÙ FEDDEJ, ĠIET IPPRESERVATA MINN KULL TEBGĦA TAD-DNUB TAN-NISEL".**

Bir-raġun, għalhekk, li John Duns Scotus baqa' magħruf bħala l-aqwa difensur ta' l-Immakulata.




It-Teoloġija tiegħu tirrifletti l-imħabba sinċiera u kbira li kellu lejn Marija u l-Ispirtu Serafiku ta' San Franġisk t'Assisi l-aktar fl-importanza li jagħti lil Kristu bħala ċentru tal-Ħolqien kollu.

Dak li għallem u qal Duns Scotus ġie kkonfermat mill-Madonna stess ġewwa Lourdes fl-1885, meta qalet lil Bernadette Soubirous "JIENA, JIEN L-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI".


